MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SITT KUNSILL**

SEDUTA NRU. 80

12 ta' Frar 2013

Minuti tas-Seduta Nru. 80 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq Il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta, 12 ta' Frar 2013.

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha minbarra l-Kunsillier J. Buttigieg li kien skużat minħabba inpenn ieħor.

## TALBA

It-talba ntqalet mis-Sindku.

## 1.0. Minuti

1.1. Il-Viċi Sindku E. Bartolo rrefera għall-minuta 13.3. **(Ref: K/6/5/2)** tal-ewwel parti tas-seduta preċedenti u ppropona li jiżdied paragrafu ieħor magħha, li jinqara kif ġej:

"* *Għaldaqstant, meta titqies il-frekwenza tas-servizzi mitluba, l-offerta ta' M.P. & D.C. tirriżulta ferm għola minn dik tal-Perit J. Attard.".*

1.2. Il-Kunsill approva l-minuti taż-żewġ partijiet tas-Seduta Nru. 79, bl-emenda t'hawn fuq, kif wkoll talab li l-istess minuti jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

## 2.0. Materji Mqajjma mill-Minuti

### 2.1.1. Jum il-Kunsill 2013 (A/5/3/1/Vol XII)(P/10/3/Vol II)

2.1.2. Saret referenza għall-minuta 2.2.1. tas-seduta preċedenti. Is-Sindku qal li filwaqt li kien hemm attendenza tajba għall-inawgurazzjoni tal-*Heritage Trail* ta' Selmun u l-Imġiebaħ, kien hemm ftit li attendew għall-Quddiesa li kien hemm l-għada 3 ta' Frar 2013.

2.1.3. Il-Kunsillier C. Bartolo lmenta li kien hemm nuqqas ta' informazzjoni u konsultazzjoni dwar l-attivitajiet marbuta ma' Jum il-Kunsill, tant illi lanqas kien magħruf li l-proġett tal-*heritage trail* kien ser jiġi nawgurat mill-Prim Ministru Lawrence Gonzi.

2.1.4. Is-Sindku qal li l-attendenza tal-Prim Ministru ma kinitx konfermata minn tant qabel, iżda meta sar magħruf fiċ-ċert li l-Onor. Gonzi kien ser jattendi, huwa talab lis-Segretarjat sabiex jinforma lill-Kunsillieri kollha permezz ta' messaġġ elettroniku

2.1.5. Il-Kunsillier J. Azzopardi qal li lanqas ma kien hemm konsultazzjoni dwar l-għażla tal-preżentaturi waqt is-serata tal-Ġimgħa l-1 ta' Frar 2013, li fiha ġew ippreżentati l-onorefiċenzi.

2.1.6. Is-Sur R. Cutajar wieġeb għalkemm kien hemm numru ta' persuni li ġew ikkuntattjati, dawn għal xi raġuni jew oħra, kellhom jaqgħu u l-għażla waqgħet fuq is-Sur Keith Micallef.

### 2.2.1. Skema dwar il-manutenzjoni tal-komun fl-appartamenti tal-Gvern (B/7)

2.2.2. Saret referenza għall-minuta 2.3.1. tas-seduta preċedenti. Is-Segretarju għarraf li wara l-laqgħa li saret għar-residenti fil-Qasam Ta' Pennellu fit-12 ta' Jannar 2013, kien hemm rispons mir-residenti ta' Blokk A2 u B1, biss. Dawk tal-Blokki A1, A3, A4, B2, u B3 ma kienx hemm ebda rispons min-naħa tagħhom sabiex jaħtru *Condominium Coordinators* għal blokka rispettiva tagħhom.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. Toroq fil-programm ta' Transport Malta (T/4/7/Vol III)

2.3.2. Saret referenza għall-minuta 16.2. tas-seduta preċedenti. Is-Sindku għarraf li Transport Malta bdew ix-xogħol fuq il-kostruzzjoni ta' Triq il-Fuħħar. Qal ukoll li l-istess awtorita` għalqet il-proċess tas-sejħa għall-offerti dwar Triq il-Qortin, għalkemm il-kuntratt għadu ma ngħatax. Dwar it-twessiegħ ta' Triq il-Mellieħa, is-Sur R. Cutajar għarraf ukoll li Transport Malta mhux qed tippjana li tagħmel ebda twessiegħ fl-inħawi Tat-Tomna, minħabba l-kundizzjonijiet imposti mill-MEPA fil-permess relattiv u l-garanzija bankarja mabuta magħhom.

2.3.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 12/02/13;
- Skeda ta' Pagamenti – 04/01/13 – 06/02/13;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 20/12/12 – 06/02/13
- Skeda ta' korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' korrispondenza li ntbagħtet;
- Diskors tas-Segretarju Eżekuttiv – Laqgħa Annwali tal-Lokalita` - 22/01/13
- Abbozz tal-Estimi 2013;
- Abbozz tal-Pjan ta' Ħidma 2013 - 2015

## 4.0. Korrispondenza

### 4.1.1. Tiżjin tat-toroq ewlenin għall-Milied (T/4/15)

4.1.2. Saret referenza għal ittra datata 4 ta' Jannar 2013, mibgħuta mis-Sinjuri Michael Mifsud Herbert Azzopardi u Saviour Attard, fejn inġibdet l-attenzjoni li għall-2013 ma jixtiequx jibqgħu responsabbli mill-kordinazzjoni tal-iniżjattiva msemmija. Dan minħabba ż-żieda fl-ispejjeż u n-nuqqas ta' koperazzjoni li jsibu mill-komunita` kummerċjali tal-istess toroq.

4.1.3. Il-Kunsill innota l-kontenut tal-ittra.

### 4.2.1. Attivitajiet fl-okkażjoni ta' Jum il-Kunsill u Tindif ġewwa l-Aħrax (A/5/3/1/Vol XIV)(T/6/1/Vol II)

4.2.2. Saret referenza għall-*e-mail* datat 25 ta' Jannar 2013, fejn l-Għaqda Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti Mellieħa offriet li tieħu f'idejha l-isparatura annwali fl-okkazjoni ta' Jum il-Kunsill fit-3 ta' Frar 2013. Il-Kunsill ġie mgħarraf li din l-attivita` saret u fil-fatt attendew għaliha l-Viċi Sindku E. Bartolo u l-Kunsillier J. Azzopardi. It-trofej ġew ippreżentati mill-Viċi Sindku.

4.2.3. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fl-istess *e-mail*, l-għaqda qalet li ser tkun għaddejja b'tindif fl-imsaġar ġewwa l-Ahrax fil-Ħdud li jaħbtu fis-27 ta' Jannar, fit-3, 10 u 17 ta' Frar u fit-3 ta' Marzu 2013. Sar appell sabiex il-Kunsill jipprovdi ħames *skips* ħalli jinġabar l-iskart li jinġabar.

4.2.4. Il-Kunsill approva ż-żewġ talbiet.

### 4.3.1. PA 5919/09 – Talba sabiex tinbena lukanda fi Triq Ġorġ Borg Olivier k/m Triq San Publiju (P/5/8/G)

4.3.2. Saret referenza għall-*e-mail* datat 4 ta' Frar 2013, fejn il-MEPA għarrfet li ġew sottomessi pjanti riveduti mill-perit tal-applikant. Il-Kunsill ġie mgħarraf ukoll li l-pjanti l-ġodda ġew eżaminati mill-Perit J. Attard (*Contracts Manager*) u kkummenta li l-Kunsill għandu jtenni l-punti mqajjma fl-ittra datata 2 ta' Settembru 2012, indirizzata lill-MEPA.

f'isem il-Kunsill tenna l-punti li tqajmu aktar qabel mal-istess MEPA permezz ta' rappreżentazzjonijiet li saru fit-2 ta' Settembru 2012.

4.3.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta mressqa.

### 4.4.1. Parkeġġ riżervat għal persuna b'diżabilita` fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi - Spusstjar mitlub minn Transport Malta (P/8/2/Vol III)

4.4.2. Saret referenza għall-ittra datata 31 ta' Jannar 2013, mibgħuta minn Transport Malta, fejn il-Kunsill intalab jgħid jekk għandux oġġeżżjoni għaċ-ċaqlieq propost.

4.4.3. Inġibdet l-attenzjoni li l-opinjoni tal-Kunsill kienet diġa ġiet komunikata permezz ta' ittra datata 20 ta' Diċembru 2012, fejn issuġġerixxa li l-arranġament eżistenti għandu jitħalla.

4.4.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li m'hemm xejn x'wieħed iżid mal-ittra tal-20 ta' Diċembru 2012.

### 5.1. Talbiet għal Xiri ta' Servizzi u Oġġetti

5.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 12 ta' Frar 2013

5.3. Il-Kunsill approva l-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal jinħarġu mill-*items* elenkati fl-iskeda.

### 6.1. Talbiet għal Ħlasijiet għal Servizzi u Materjal

6.2. Tressqet Skeda ta' Pagamenti li saru permezz tal-*petty cash* li tkopri bejn l-20 ta' Diċembru 2012 u s-6 ta' Frar 2013. Tresqet ukoll skeda ta' pagamenti mitluba bejn l-4 ta' Jannar u s-6 ta' Frar 2013.

6.3. Il-Kunsill approva l-pagamenti kollha nklużi fiż-żewġ skedi mressqa u għalhekk ġew iffirmati. Kien hemm qbil ukoll li l-iskeda tal-pagamenti għandha tiġi ppubblikata fis-sit elettroniku http://www.lc.gov.mt

### 7.1. Preżentazzjonijiet tal-Istqarrijiet Finanzjarji 2012 F/1/2/Vol VIII)

7.1. Attenda għal din il-parti tas-seduta l-*accountant* is-Sur Daniel Galea sabiex jispjega l-*financial statements* imsemmija, li kopja tagħhom ġiet imqassma lill-kunsillieri mal-aġenda. Ġie spjegat li s-sena finanzjarja 2012 spiċċat b'bilanċ pożittiv ta' €270,059. Huwa aċċenna għall-fatt li fis-sena tal-qabel il-bilanċ pożittiv kien ta' €138,429 u għalhekk kien hemm titjib f'dan ir-rigward. Minkejja li d-dħul fl-2012 żdied bi 2.0% minn €1,141,326 għal €1,160,615, min-naħa l-oħra kien hemm tnaqqis fl-infiq rikorrenti ta' 12.0%, li naqas minn €1,011,648 fl-2011 għal €897,421 fl-2012.

7.2. Is-Sur D. Galea rrefera għad-dħul mill-Gvern Ċentrali, li ammonta €1,120,052 u kien imqassam hekk:

| | |
|---|---|
| Allokazzjoni Annwali | €995,309 |
| Allokazzjoni Supplimentari | - |
| Proġetti ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea | €36,924 |
| Dħul ieħor mill-Gvern | €78,396 |
| Rilaxx tal-Għotjiet | €9,424 |

Kien hemm dħul ieħor ġej minn *bye-laws*, is-Sistema tal-Infurzar Lokali u dħul ta' natura ġenerali, li ammonta għal €40,563.

7.3. Is-Sur D. Galea spjega li sa Diċembru 2012, il-Kunsill kien akkumula investiment ta' €4,414,501 f'assi permanenti. Kien hemm ukoll €378,314 ta' flus x'jitħallsu lill-kredituri tal-Kunsill.

7.4. Ġie spjegat li l-ammont illi jidher taħt ir-Rilaxx tal-Għotjiet (*Grants Released*) jirrappreżenta l-ammont ta' diprezzament illi kien hemm fuq proġetti kapitali li ġew iffinanzjati mill-għotjiet li kien hemm matul l-2012, bħalma huma dawk tal-*Public Private Partnership*, u l-*Urban Improvement Fund*. Il-Kunsill daħħal fondi addizzjonali permezz ta' applikazzjonijiet illi ssottometta, li jinkludu l-Iskema Lokalitajiet Sostenibbli, Skema dwar l-Attivitajiet Kulturali, l-Iskema Libreriji, l-Iskema Tagħlim Tul-il Ħajja, u premjijiet relatati mal-*Green Challenge & Community Involvement Award* u Lokalitajiet Indaf, *Car*

*Free Day*, *ECO School Conference*; *EDEN Conference*; Imħabba Fuq l-Gholja *Musical*, Skema Lokalitajiet Sostenibbli; u Ko-finanzjament tal-Proġett Terra Mirabilis.

7.5. Il-Kunsill ġie mgħarraf li kien hemm dħul ta' €5,510 mis-Sistema tal-Infurzar Lokali. Dan wara li f'Settembru 2011 ġiet xolta s-sistema mħaddma mill-Kumitat Konġunt Tramuntana u daħlet fis-seħħ dik imħaddma mill-Kumitat Reġjonali.

7.6. In-nefqa kapitali għas-sena 2012 kienet tammonta għal €1,374.764, li €505,352 minnha kienet ġejja minn għotjiet mogħtija mill-Gvern Ċentrali jew awtoritajiet pubbliċi.

7.7. Is-Sur D. Galea spjega wkoll li kien hemm tnaqqis ta' €218,145 mill-flus miżmuma fil-kontijiet bankarji tal-Kunsill. Minkejja dan, il-qagħda finanzjarja baqgħet stabbli filwaqt li ma kienx hemm kumulu ta' flus fil-kontijiiet bankarji tal-Kunsill.

7.9. Wara l-ispjegazzjonijiet li ngħataw, is-Sindku ressaq mozzjoni li tgħid:

*"Billi ġie nnutat li r-reġistru tal-assi permanenti jeħtieġ li jiġi aġġornat billi jinqatgħu minnu assi permanent qodma marbuta mal-Playing Field ta' Triq l-Erwieħ li ġie rinovat fl-2012 , b'valur ta' €4,678, skont ir-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali (Finanzi), regolament 41(6) u (7);*

*Billi l-Istqarrijiet Finanzjarji għas-Sena 2012, ġew spjegati fid-dettal waqt seduta tal-Kunsill u ma kienx hemm punti li baqa' lok ta' aktar diskussjoni dwarhom , kif ukoll wara li Kunsill kien konvint li r-rapport imressaq jirrifletti l-andament tal-operat tiegħu matul is-sena finanzjarja li għalqet fil-31 ta' Diċembru 2012;*

*Il-Kunsill jirriżolvi li japprova r-Rapport Finanzjarju, bl-inklużjoni tal-aġġustament imsemmi, u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lis-Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmaw l-istqarrijiet finanzjarji u jgħadduhom lill-Awditur Ġenerali, skont il-Proceduri tal-2005 dwar Kunsilli Lokali (Verifika).".*

7.10. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li kienet issekondata mill-Kunsillier C. Bartolo.

## 8.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku illi tgħid:-

**"Billi skond il-provedimenti tal-Artiklu 56 tal-Att dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363) u skont it-Taqsima V tar-Regolamenti dwar Kunsilli Lokali Finanzi, għandu jiġi ppreżentat il-*Budget* u l-Pjan ta' Ħidma tal-Kunsill sa l-aħħar Diċembru ta' kull sena, għas-sena finanzjarja ta' wara; u**

**U billi wara li saret diskussjoni dwar l-istess estimi fis-seduti Nru. 79 tad-9 ta' Jannar 2013, kif ukoll saret laqgħa għar-residenti tal-lokalita`, skont ma jitlob l-imsemmi Att fit-22 ta' Jannar 2013;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li japprova l-Estimi għas-sena finanzjarja 2013 u l-*Business Plan* għas-snin 2013/2015, skont l-abbozz finali mressaq.". (F/1/24)**

8.2. Il-Kunsillier C. Bartolo rrimarka li l-estimi 2013 jinkludu fihom obbligi finanzjarji li daħal għalihom is-Sitt Kunsill. Skont l-istqarrijiet finanzjarji għas-sena 2012 dawn l-obbligi ser jammontaw għal €708,000. Din is-sitwazzjoni ser tirrestringi lill-kunsill sussegwenti milli jwettaq proġetti kapitali mill-inqas fl-ewwel sena tal-mandat tiegħu. Huwa kompla jgħid li l-proġetti tas-Sitt Kunsill kellhom jiġu strutturati aħjar, b'tali mod li jitlestew totalment sa tmiem il-mandat tiegħu. Is-Sur C. Bartolo qal li huwa minnu li l-posizzjoni finanzjarja tal-Kunsill kienet tippermetti, iżda dan kien mertu ta' fondi mfaddla minn snin preċedenti.

8.3. Is-Sindku wieġeb li l-Kunsill ma' għandu ebda dejn, anzi beda s-sena finanzjarja b'bilanċ pożittivi relattivament qawwi. Huwa kompla jgħid li qabel il-Kunsill imbarka fuq l-proġetti bħalma huma l-Park tal-Familja, it-Tisbiħ ta' Misraħ iż-Żjara tal-Papa u r-*Resurfacing* ta' Triq l-Armier, ġie żgurat li ser ikun hemm l-appoġġ finanzjarju mill-Gvern Ċentrali. Is-Sur R. Cutajar saħaq li ma kienx ikun għaqli kieku din l-għajnuna ġiet imwarrba għaliex l-*committments* marbuta magħha jinvolvu iktar minn mandat wieħed.

8.4. Il-Viċi Sindku E. Bartolo qal li qabel kien hemm il-prassi li l-proġetti kapitali jitwettqu wieħed wieħed, iżda fi snin riċenti din il-prattika ma baqgħetx tajba bl-introduzzjoni tal-iskema ta' finanzjament mill-Gvern Ċentrali.

8.5. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier C. Bartolo.

## 9.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku li tgħid:

**"Billi l-kuntratt li jipprovdi għal servizz ta' *Contracts Management* fuq l-Operati in Ġenerali u Servizzi Anċillari, skadielu t-terminu tiegħu u għalhekk saret sejħa għall-offerti (19/2009) skont l-artiklu 72 ta' l-Att XV ta' l-1993 u r-Regolamenti ta' l-1993 dwar Kunsilli Lokali (Offerti) - Avviż Legali 157 ta' l-1993;**

**Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2013 ġiet ivvutata somma bil-għan li jingħata s-servizz imsemmi taħt il-vot 3120;**

**Jirriżolvi illi wara l-evalwazzjoni li saret mit-*Tender Adjudication Board* fil-laqgħa tat-28 ta' Novembru 2012 u fid-dawl tad-diksussjonijiet li kien hemm fis-Seduti tal-Kunsill, numri 78 u 79 tas-17 ta' Diċembru 2012 u tad-9 ta' Jannar 2013, għandha tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni u susseġwentement jiġi ffirmat il-kuntratt relattiv mal-Perit Joseph Attard, għall-perjodu ta' tlett snin b'effett mill-1 ta' Marzu 2013, skont ir-rati kkwotati fid-dokument tal-offerta rispettiv.". (K/6/5/2)**

9.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier J. Azzopardi.

## 10.1. Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku illi tgħid:-

**"Billi saret sejħa għall-offerti, skont l-Att tal-Kunsilli Lokali ta` l-1993 u l-Avviżi Legali 91 u 92 ta` l-1993, sabiex isir ir-rinovar tal-estensjoni għall-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill Lokali, li ġie akkwistat skont riżoluzzjoni mgħoddija fil-25 ta' Lulju 2012.**

**Billi l-Awtorita` tal-Ambjent u l-Ippjanar approvat li jsiru xogħlijiet fl-istess fond skont il-permess PA 1872/11 ; u**

**Billi fl-estimi għas-sena finanzjarja 2013 ġiet vvutata s-somma ta' €107,200 bil-għan li jitwettaq ir-rinovar tal-fond Nru. 4, Triq il-Madonna Ta' Fatima;**

**Billi t-*Tender Adjudcation Board* għamel l-evalwazzjoni tiegħu skont ma jidher fil-minuti tas-7 u t-18 ta' Jannar 2013, u saret rakkomandazzjoni sabiex il-kuntratt jingħata lill-offerent Salamanda Ltd;**

**Jirriżolvi illi fid-dawl tad-diskussjoni li kien hemm fil-kontiwazzjoni tas-Seduta numru 79 tat-22 ta' Jannar 2013, għandha tinħareġ ittra ta' aċċettazzjoni u sussegwentement jiġi ffirmat il-kuntratt relattiv ma' l-imsemmi offerent, skont it-termini u rati sottomessi fid-dokument tal-offerta rispettiv.". (K/1/2/Vol V)**

10.2. Il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu minn fost il-kunsillieri preżenti wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier H. Fenech.

10.3. Inġibdet l-attenzjoni li t-*Tender Adjudication Board* irrakkomanda li għandha tintalab stima għal aperturi tat-tip *double glazed*, mingħand l-offerent li jingħata l-kuntratt. Saret referenza wkoll għall-bibien diviżorji, fejn skont id-dokument tal-offerta dawk eżistenti fil-fond kellhom jingħataw l-verniċċ. Il-Kunsill ġie nfurmat wkoll li l-offerent Salamanda Ltd ikkwota għal dawn l-items kif ġej:

| Item Nru. | Deskrizzjoni tax-Xogħol | Kwantita` | Rata Addizzjonali (€) | Varjazzjoni (€) |
|---|---|---|---|---|
| K1 | *Double Glazed External Sliding Doors* | 4 | 134.52 | 538.08 |
| K2 | *Double Glazed External Sliding Windows* | 15 | 61.36 | 920.40 |
| K3 | *Double Glazed One Flap External Windows* | 5 | 30.68 | 153.40 |
| L3,4,5 | *Solid Oak Internal Doors* | 7 | 490.00 | 3,430.00 |
| | | | Total | 5,041.88 |

10.4. Il-Kunsill approva l-varjazzjoni.

## 11.1. Sejħa għall-Offerti dwar ix-Xiri ta' Poloz ta' Assikurazzjoni (K/1/4/Vol V)

11.2. Is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li l-ispejjeż tal-assikurazzjoni skont ir-regolament 35 tar-Regolamenti Finanzjarji dwar il-Kunsilli Lokali, jinvolvi spiża li titlob il-ħruġ ta' sejħa għall-offerti. Is-Sur C. Debono qal li tħejja dokument tal-offerta fejn ġew stabbiliti l-parametri li fuqhom għandhom jsiru l-offerti, bħalma huma valur tal-proprjeta`, inventarju, *stocks*, salarji tal-impjegati u *allowances* imħallsa lill-Kunsillieri. Huwa ppropona li l-kuntratt ikun ta' ħames snin, bil-għan li r-rati li jingħataw ikunu aktar vantaġġjużi.

11.3. Il-Kunsill qabel li għandu tinħareġ is-sejħa billi l-poloz attwali jiskadu f'April 2013.

## 12.1. Ftehim mal-Fondazzjoni ARKEO dwar l-immaniġġjar tal-*Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ (P/10/3/A)

12.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li l-abbozz tal-ftehim ġie mgħoddi lill-konsulent legali sabiex jaraħ u min-naħa tiegħu kkummenta li bħala test huwa aċċettabbli, iżda ġibed l-attenzjoni li:

(a) Għandu jiġi stabbilit l-i*status* tal-Fondazzjoni ARKEO, fis-sens jekk din l-organizzazzjoni hijiex kostitwita u reġistrata bħala tali skont il-provedimenti tal-Kodiċi Ċivili;

(b) Il-prezz biex wieħed iżur il-*heritage trail* għandu jkun regolat simili mal-mod kif tiġi riveduta l-kera skont il-Kapitlu 158 tal-Liġijiet ta' Malta;

(c) Li t-terminu tal-ftehim għandu jkun indikat b'mod aktar ċar fil-klawsola 20(d);

12.3. Minn informazzjoni miġjuba mis-sit elettroniku tal-*Malta Council for Volontary Sector*, waqt is-seduta, irriżulta li għalkemm il-Fondazzjoni ARKEO hija msemmija, din għadha mingħajr numru ta' reġistrazzjoni.

12.4. Il-Kunsill kien tal-fehma li l-polza tal-assikurazzjoni marbuta ma' riskji relatati mal-mogħdijiet u toroq li jwasslu għal postijiet kollha inklużi fil-*heritage trail,* għandha tiġi pprovduta mill-istess Kunsill, filwaqt li l-kopertura li tkopri l-binjiet għandha tiġi pprovuduta mill-Fondazzjoni ARKEO. Għaldaqstant, is-Segretarju ġie mitlub sabiex jivverifika dwar jekk il-polza attwali dwar *Public Liability* tkoprix postijiet lil'hinn minn toroq asfaltati.

12.5. Is-Sindku qal li jidher illi l-Fondazzjoni ARKEO lesta tikkolabora mal-Fondazzjoni Mellieħa, liema entita` hija wkoll interessata fil-folklor. Il-Kunsill dehrlu li dan l-iżvilupp huwa interessanti u wieħed għandu jara kif għandu jiġi nkwadrat f'xi forma ta' ftehim bil-kitba.

12.6. Il-Kunsill qabel ukoll li l-*heritage trail* għandu jinfetaħ mill-inqas tliet ijiem fil-ġimgħa, filwaqt li ma ġewx stabbiliti ebda ħinijiet. Dan il-minimu għandu jiġi ndikat fit-test tal-ftehim.

12.7. Is-Segretarju għarraf ukoll illi sabiex l-avukat ikun jista' jkompli bix-xogħol tiegħu, talab kopja tal-ftehim li saru mad-Dipartiment tal-Artijiet dwar is-siti kollha nklużi fil-*heritage trail*, kif ukoll il-ftehim li sar mal-*Managing Authority* fi ħdan il-Ministeru tar-Riżorsi u l-Affarijiet Rurali dwar il-finanzjament tal-proġett permezz il-*European Agricultural Funds for Rural Development* u l-kofinanzjament tal-Gvern Malti.

## 13.1. *Roundabout* ta' Selmun (T/5/1/Vol II)

13.2. Is-Sindku fakkar fid-dikussjoni li kien hemm fis-seduta Nru. 73 tat-3 ta' Lulju 2012 dwar inkonvenjenzi kkawzati lir-residenti bit-traġitt tal-karozzi tal-linja qrib l-venda tagħhom fi Triq l-Izbark tal-Francizi u Triq Halq ic-Cawl. Is-Sur R. Cutajar qal ukoll li huwa kellu laqgħa fuq il-post ma' uffiċjali tal-Arriva Malta, flimkien mar-residenti. Fl-istess laqgħa l-uffiċjali tal-Arriva kkonfermaw li m'għandhom ebda oġġezzjoni li jkun hemm dħul u ħruġ dirett minn/għar-roundabout. B'dan il-mod jiġi evitat ukoll l-ħruġ minn Triq il-Fortizza għal Triq il-Kbira, fejn spiss isiru kolliżżjonijiet. Huwa għalhekk talab lill-*Contracts Manager* sabiex iħejji pjanta li tindika din il-proposta.

13.3. Il-Kunsill approva l-proposta ndikata fil-pjanta sottomessa u kien hemm qbil li din għandha tiġi mgħoddija lil Transport Malta.

## 14.1. Malta *Fireworks Festival* 2013 (A/5/5/Vol VII)

14.2. Is-Sindku għarraf li l-Awtorita` Maltija tat-Turiżmu attwalment għaddejja bit-tħejjijiet għall-avveniment imsemmi hawn fuq u li fiħ hemm l-intenzjoni li tiġi nkluża l-Mellieħa. Is-Sur R. Cutajar kompla jgħid li din l-edizzjoni ser tkun differenti minn dik tal-2012, billi mhux ser ikun hemm nar tal-art f'Misraħ il-Parroċċa. Fl-istess żmien ser ikun hemm ir-Raduno tal-Moto Guzzi tal-Mediterrran, li ser isir f'Malta bejn is-26 u t-28 ta' April 2013, li wkoll ser iżuru l-Mellieħa u jaraw l-ispettaklu tan-nar. Għal dan l-avveniment, il-Kunsill intalab jipprovdi l-apparat tal-audio u jagħmel tajjeb għall-ispejjeż tal-Pulizija li jkunu meħtieġa biex jiġi kkontrollat it-traffiku.

14.3. Il-Kunsill qabel li għandu jikkollabora mal-Awtorita` biex isseħħ dan l-avveniment fil-Mellieħa.

## 15.1. Inawgurazzjoni ta' proġetti tal-Kunsill (P/4/6/Vol V) (P/4/26)

15.2. Is-Sindku ppropona li l-Park tal-Familja jiġi inawgurat bi programm ta' attivitajiet fuq jumejn fit-2 u t-3 ta' Marzu 2013. Is-Sur R. Cutajar kompla jgħid li l-programm qed jitfassal u ser jiġi komunikat lill-kunsillieri aktar 'il quddiem.

15.3. Ġie propost li l-inawgurazzjoni tal-estensjoni tal-Uffiċċju Amministrattiv issir nhar it-Tnejn 4 ta' Marzu 2013 filgħaxija, filwaqt li l-proġett tal-*Heritage Trail* fil-Manikata jiġi inawgurat nhar l-Erbgħa 6 ta' Marzu 2013 wara nofsinhar, flimkien ma' Quddiesa ta' ringrazzjament fil-Knisja tal-Manikata fl-għeluq il-mandat tas-Sitt Kunsill.

15.4. Il-Kunsillier C. Bartolo rrimarka li attivitajiet ta' dan it-tip ser jiġu qrib ħafna l-elezzjonijiet tad-9 ta' Marzu 2013 u m'għandhomx jintużaw għal skopijiet politiċi.

15.5. Is-Sindku wieġeb li ma jkunx ġust illi proġetti imwettqa mill-Kunsill attwali jitħallew sabiex jiġu nawgurati minn dak sussegwenti.

15.6. Il-Kunsill approva ż-żewġ proposti mressqa mis-Sindku.

## 16.1. Attrezzi fil-Klinika tal-Gvern (M/8/Vol III)

16.2. Is-Sindku R. Cutajar ippropona li permezz tal-vot 3380 dwar is-Servizzi fil-Komunita`, għandu jinxtara apparat biex jingħata servizz ta' *speech therapy* miċ-Ċentru ta' Matul il-Jum f'Dar il-Madonna tal-Mellieħa.

16.3. Il-Kunsill qabel li għandhom jinġiebu l-istimi sabiex ikun jista' jinxtara l-apparat propost.

## 17.1. Aċċess bil-vetturi għall-Park tal-Majjistral (A/4/10)

17.2. Il-Kunsillier C. Bartolo staqsa dwar jekk huwiex possibbli li jinħareġ permess għal sajjieda dilettanti sabiex jidħlu bil-vetturi tagħhom fil-Park tal-Majjistral, partikularmenti għat-triq li tagħti għall-Irdum id-Delli.

17.3. Is-Sindku wieġeb li l-Bord ta' Tmexxija tal-Park joġġezzjoni li jidħlu vetturi ta' persuni li m'għandhomx raba' jew proprjeta` fl-inħawi, għal raġunijiet ta' kontroll.

## 18.1. Faċilitajiet fuq il-Moll tat-Tunnara (X/1/5)

18.1. Il-Kunsillier C. Bartolo għarraf li huwa ġie avviċinat minn xi membri fil-kumitat tas-sajjieda li jużaw il-Moll tat-Tunnara, illi wrew l-intenzjoni li jagħmlu tindif ta' wieħed mill-parkeġġi li hemm biswit il-Mellieħa Bay Hotel. Dan sabiex ikunu jistgħu jitqiegħdu fiħ il-karrijiet tal-opri li jkunu ġew varati mill-istess moll. Għaldaqstant qed jitolbu li l-Kunsill jipprovdilhom *open skips* ħalli jkunu jistgħu jagħmlu dan. Is-Sur C. Bartolo qal ukoll li appellaw sabiex jiżdied id-dawl bil-għan li jiffaċilita` il-ħatt mill-opri li jersqu mal-moll.

18.2. Filwaqt li l-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jingħataw l-i*skips* mitluba, is-Segretarju għarraf li l-Korporazzjoni Enemalta approvat iż-żieda ta' lampa oħra fuq il-moll u għalhekk saret ordni lill-kuntrattur sabiex din tiġi pprovduta.

**AĠĠORNAMENT**

Is-Seduta spiċċat fl-10.00pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 5 ta' Marzu 2013 fis-7.00pm

Robert Cutajar
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**